

Brussell, 19 ta' April 2024
(OR. en)

8756/24

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0077/B(COD)

CODEC 1058
ENER 178
ENV 415
CLIMA 157
COMPET 415
CONSOM 152
FISC 74
PE 94

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolamenti (UE) 2019/943 u (UE) 2019/942 kif ukoll id-Direttivi (UE) 2018/2001 u (UE) 2019/944 biex jittnejjem id-disinn tas-suq tal-elettriku tal-Unjoni - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Brussell, 10-11 ta' April 2024)

I. INTRODUZZJONI

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 TFUE u d-Dikjarazzjoni konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni¹, saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim dwar dan il-fajl fl-ewwel qari.

¹ ĠU C 145, 30.6.2007, p. 5.

F'dan il-kuntest, il-President tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (ITRE) Cristian-Silviu BUȘOI (PPE, RO) ippreżenta f'isem il-Kumitat ITRE emenda ta' kompromess (l-emenda numru 2) għall-proposta msemmija hawn fuq, li għaliha Nicolás GONZÁLEZ CASARES (S&D, ES) kien ħejja abbozz ta' rapport. Din l-emenda kienet ġiet maqbula matul il-kuntatti informali msemmija hawn fuq. Barra minn hekk, il-grupp tax-Xellug ressaq ħames emendi (l-emendi numru 3 sa 7).

II. VOTAZZJONI

Meta vvotat fl-11 ta' April 2024, il-plenarja adottat l-emenda ta' kompromess (l-emenda numru 2) għall-proposta msemmija hawn fuq. Ma ġewx adottati emendi oħra. Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari li tinsab fir-risoluzzjoni leġislattiva tiegħu kif tinsab fl-Anness ta' dan id-dokument^{2*}.

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti dak li kien intlaħaq ftehim dwaru preċedentement bejn l-istituzzjonijiet. Għalhekk, il-Kunsill għandu jkun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament.

L-att imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

² Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-risoluzzjoni leġislattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru mill-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet fit-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'*tipa grassa u bil-korsiv*. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

* L-ifformattjar tal-verżjoni MT li ntbagħtet mill-PE ma jikkorrispondix f'kollox mal-verżjoni EN.

P9_TA(2024)0285

Id-disinn tas-suq tal-elettriku tal-Unjoni: Direttiva

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' April 2024 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi (UE) 2018/2001 u (UE) 2019/944 fir-rigward tat-titjib tad-disinn tas-suq tal-elettriku tal-Unjoni (COM(2023)0148 – C9-0038/2024 – 2023/0077B(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0148),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 194(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0038/2024),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-14 ta' Ġunju 2023¹,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Komitat tar-Reġjuni tal-5 ta' Lulju 2023²,
- wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-komitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-22 ta' Diċembru 2023, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tal-21 ta' Frar 2024 li tawtorizza lill-Komitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jaqsam il-proċedura leġislattiva u jipproċedi bit-tressiq ta' żewġ testi konsolidati separati biex jiġu eżaminati fil-plenarja,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Komitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji,
- wara li kkunsidra l-ittri tal-Komitat għall-Baġits u tal-Komitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Komitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A9-0151/2024),

¹ ĠU C 293, 18.8.2023, p. 112.

² ĠU C, C/2023/253, 26.10.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2023/253/oj>.

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ksieb li temendaha b'mod sustanzjali;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari tal-11 ta' April 2024 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2024/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda l-Direttivi (UE) 2018/2001 u (UE) 2019/944 fir-rigward tat-titjib tad-disinn tas-suq tal-elettriku tal-Unjoni

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 194(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat tar-Reġjuni²,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja³,

¹ ĠU C 293, 18.8.2023, p. 112.

² ĠU C, C/2023/253, 26.10.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2023/253/oj>.

³ Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' April 2024.

Billi:

- (1) Minn Settembru 2021 ġew osservati prezzijiet u volatilità għoljin ħafna fis-swieq tal-elettriku. Kif stipulat mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) fil-valutazzjoni finali tagħha tat-tfassil tas-suq tal-elettriku bl-ingrossa tal-UE ta' April 2022, din hija prinċipalment konsegwenza tal-prezz għoli tal-gass, li jintuża bħala input biex jiġi ġġenerat l-elettriku.
- (2) L-eskalazzjoni tal-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, li hija Parti Kontraenti tat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija⁴, u s-sanzjonijiet internazzjonali relatati minn Frar 2022 'l hawn ***wasslu għal kriżi tal-gass***, xekklu s-swieq globali tal-enerġija, aggrawaw il-problema tal-prezzijiet għoljin tal-gass, u kellhom impatt sekondarju sinifikanti fuq il-prezzijiet tal-elettriku. Il-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna kkawżat ukoll inċertezza dwar il-provvista ta' komoditajiet oħrajn, bħall-faħam iebes u ż-żejt mhux maħdum, użati minn installazzjonijiet tal-ġenerazzjoni tal-enerġija. Dik l-inċertezza rriżultat f'żieda addizzjonali sostanzjali fil-volatilità tal-prezzijiet tal-elettriku. ***Id-disponibbiltà mnaqqa ta' diversi reatturi nukleari u l-produzzjoni baxxa tal-enerġija idroelettrika komplew jamplifikaw iż-żieda fil-prezzijiet tal-elettriku.***

⁴ ĠU L 198, 22.7.2006, p. 18.

- (3) Bi tweġiba għal dik is-sitwazzjoni, *fil-komunikazzjoni tagħha tat-13 ta' Ottubru 2021 dwar "L-indirizzar taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija: sett ta' għodod għall-azzjoni u l-appoġġ"*, il-Kummissjoni pproponiet sett ta' miżuri li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jistgħu jużaw biex jindirizzaw l-impatt immedjat tal-prezzijiet għoljin tal-enerġija fuq il-klijenti domestiċi u n-negozji, inkluż appoġġ għall-introjt, ħelsien mit-taxxa, miżuri ta' ffrankar u ħżin tal-enerġija ■ u biex tissaħħaħ ir-reżiljenza għal xokkijiet futuri fil-prezzijiet. Fil-komunikazzjoni tagħha tat-8 ta' Marzu 2022 dwar "REPowerEU: Azzjoni Ewropea Konġunta għal enerġija aktar affordabbli, sikura u sostenibbli", il-Kummissjoni ppreżentat sensiela ta' miżuri addizzjonali biex issaħħaħ is-sett ta' għodod u biex twieġeb għaż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija. Fit-23 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni stabbiliet ukoll qafas temporanju ta' għajnuna mill-Istat biex tippermetti ċerti sussidji biex jittaffa l-impatt tal-prezzijiet għoljin tal-enerġija.

- (4) Fil-komunikazzjoni tagħha tat-18 ta' Mejju 2022 il-Kummissjoni ppreżentat "il-pjan REPowerEU" tagħha, li introduċiet miżuri addizzjonali li jiffokaw fuq l-iffrankar tal-enerġija, id-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-enerġija, ***mira ogħla tal-effiċjenza fl-enerġija*** u t-tnedija aċċellerata tal-enerġija rinnovabbli bil-għan li titnaqqas id-dipendenza tal-Unjoni fuq il-fjuwils fossili Russi, inkluż proposta biex il-mira tal-Unjoni għall-2030 għall-konsum finali gross tal-enerġija rinnovabbli tiżdied għal 45 %. Barra minn hekk, il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Mejju 2022 dwar "Interventi fis-Suq tal-Enerġija fi żmien qasir u Titjib fuq medda itwal ta' żmien fid-Disinn tas-Suq tal-Elettriku – pjan ta' azzjoni", minbarra li stabbiliet miżuri addizzjonali għal żmien qasir biex jiġu indirizzati l-prezzijiet għoljin tal-enerġija, identifikat oqsma potenzjali għat-titjib tat-tfassil tas-suq tal-elettriku u ħabbret l-intenzjoni li tivvaluta dawk l-oqsma bl-għan li ***jinbidel*** il-qafas leġiżlattiv.

- (5) **Sabiex** jiġu indirizzati, b'mod urġenti, l-kriżi tal-prezzijiet tal-enerġija u t-tħassib dwar is-sigurtà u biex jiġu indirizzati ż-żidiet fil-prezzijiet għaċ-ċittadini, ***l-Unjoni adottat diversi atti legali, inkluż ir-Regolament (UE) 2022/1032 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵, li stabbilixxa*** reġim sod għall-ħżin tal-gass ***u r-Regolamenti tal-Kunsill (UE) 2022/1369⁶, li pprovdew*** miżuri effettivi għat-tnaqqis fid-domanda għall-gass u l-elettriku, ***ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1854⁷, li stabbilixxa*** reġimi li jllimitaw il-prezzijiet biex jiġu evitati profitti mhux mistennija fis-swieq tal-gass u tal-elettriku, ***u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/2577⁸, li stabbilixxa*** miżuri li jaċċelleraw il-proċeduri għall-għoti ta' permessi għall-installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli.

⁵ ***Ir-Regolament (UE) 2022/1032 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 2022 li jemenda r-Regolamenti (UE) 2017/1938 u (KE) Nru 715/2009 fir-rigward tal-ħżin tal-gass (ĠU L 173, 30.6.2022, p. 17).***

⁶ ***Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1369 tal-5 ta' Awwissu 2022 dwar miżuri kkoordinati għal tnaqqis fid-domanda għall-gass (ĠU L 206, 8.8.2022, p. 1).***

⁷ ***Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1854 tas-6 ta' Ottubru 2022 dwar intervent ta' emerġenza biex jiġu indirizzati l-prezzijiet għoljin tal-enerġija (ĠU L 261 I, 7.10.2022, p. 1).***

⁸ ***Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/2577 tat-22 ta' Diċembru 2022 li jistabbilixxi qafas biex jiġi taffef il-varar tal-enerġija rinnovabbli (ĠU L 335, 29.12.2022, p. 36).***

- (6) Suq **tal-enerġija** integrat sew, li jibni fuq ir-Regolamenti (UE) 2018/1999⁹, (UE) 2019/942¹⁰ u (UE) 2019/943¹¹ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi (UE) 2018/2001¹², (EU) 2018/2002¹³ u (UE) 2019/944¹⁴ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, flimkien komunement jissejħu l-pakkett dwar l-Enerġija nadifa għall-Ewropej kollha, adottat fl-2018 u l-2019, jippermetti lill-Unjoni tgawdi l-benefiċċji ekonomiċi ta' suq tal-enerġija uniku fiċ-ċirkostanzi **kollha**, filwaqt li jiżgura s-sigurtà tal-provvista u jsostni l-proċess ta' dekarbonizzazzjon **biex jintlaħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni**. L-interkonnettività transfruntiera tiżgura wkoll tħaddim aktar sikur, aktar affidabbli u aktar effiċjenti tas-sistemi tal-elettriku, **u reżiljenza aħjar għal xokkijiet fil-prezzijiet għal żmien qasir**.

⁹ *Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).*

¹⁰ *Ir-Regolament (UE) 2019/942 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 22).*

¹¹ *Ir-Regolament (UE) 2019/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar is-suq intern tal-elettriku (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 54).*

¹² *Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).*

¹³ *Id-Direttiva (UE) 2018/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li temenda d-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 210).*

¹⁴ *Id-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku u li temenda d-Direttiva 2012/27/UE (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 125).*

- (7) *It-tisħiħ tas-suq intern tal-enerġija u l-ilħuq tal-obiettivi tat-tranżizzjoni tal-klima u tal-enerġija jirrikjedu titjib sostanzjali tan-network tal-elettriku tal-Unjoni biex dan ikun jista' jospita żidiet kbar tal-kapaċità ta' ġenerazzjoni ta' enerġija rinnovabbli, b'varjabbiltà fl-ammonti tal-ġenerazzjoni li tiddependi fuq it-temp u tibdil fix-xejriet tal-fluss tal-elettriku madwar l-Unjoni, u biex dan ikun jista' jindirizza domanda ġdida bħal vetturi elettriċi u pompi tas-sħana. L-investment fil-grilji, fil-fruntieri u lil hinn minnhom, huwa kruċjali għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern tal-elettriku, inkluż is-sigurtà tal-provvista. Tali investment huwa neċessarju biex l-enerġija rinnovabbli u d-domanda jiġu integrati f'kuntest fejn jinsabu aktar maqtugħin minn xulxin milli fil-passat u, fl-aħħar mill-aħħar, biex jintlaħqu l-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li kwalunkwe riforma tas-suq tal-elettriku tal-Unjoni tikkontribwixxi għal network tal-elettriku Ewropew aktar integrat, bl-għan li jiġi żgurat li kull Stat Membru jilħaq livell ta' interkonnnettività tal-elettriku f'konformità mal-mira ta' interkonnnessjoni tal-elettriku għall-2030 ta' mill-inqas 15 % skont l-Artikolu 4, il-punt (d)(1), tar-Regolament (UE) 2018/1999, li dik il-kapaċità ta' interkonnnessjoni tintuża kemm jista' jkun għall-kummerċ transfruntier u li n-network tal-elettriku u l-infrastruttura tal-konnnettività tal-Unjoni jinbnew jew jiġu aġġornati, bħall-proġetti tal-Unjoni ta' interess komuni kif stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2022/869 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁵. Jenħtieġ li tiġi pprovduta konnettività adegwata liċ-ċittadini u lill-impriżi kollha tal-Unjoni peress li din tista' tirriżulta f'opportunitajiet maġġuri biex huma jipparteċipaw fit-tranżizzjoni tal-enerġija u fit-trasformazzjoni diġitali tal-Unjoni. Jenħtieġ li tingħata kunsiderazzjoni speċjali lir-reġjuni ultraperiferiċi kif imsemmi fl-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jirrikonossu r-restrizzjonijiet speċifiċi tagħhom u jipprevedi l-adozzjoni ta' miżuri speċifiċi fir-rigward tagħhom.*

¹⁵ *Ir-Regolament (UE) 2022/869 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2009, (UE) 2019/942 u (UE) 2019/943 u d-Direttivi 2009/73/KE u (UE) 2019/944, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 (ĠU L 152, 3.6.2022, p. 45).*

- (8) It-tfassil attwali tas-suq tal-elettriku, fost l-oħrajn, ikkontribwixxa għall-ħolqien ta' prodotti, servizzi u miżuri ġodda u innovattivi fis-swieq tal-elettriku bl-imnut, filwaqt li appoġġa l-effiċjenza fl-enerġija u l-użu tal-enerġija rinnovabbli u tejjeb l-għażla biex il-konsumaturi jiġu meġġuna jnaqqsu l-kontijiet tal-enerġija tagħhom inkluż permezz ta' installazzjonijiet ta' ġenerazzjoni fuq skala żgħira u servizzi emerġenti għall-provvista ta' rispons tad-domanda. Il-bini fuq il-potenzjal tad-diġitalizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija u l-isfruttar tiegħu, bħall-parteċipazzjoni attiva mill-konsumaturi, huwa element ewlieni tas-swieq u s-sistemi futuri tal-elettriku fl-Unjoni. Fl-istess ħin, hemm bżonn li jiġu rrispettati l-għażliet tal-konsumaturi u li l-konsumaturi jitħallew jibbenefikaw minn varjetà ta' offerti kuntrattwali, ***u li l-klijenti domestiċi jiġu protetti minn prezzijiet għoljin matul kriżi tal-enerġija. L-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija hija intiża li tkun l-ippjanar u t-tħaddim tas-sistema tal-enerġija kollha kemm hi, fost id-diversi vetturi tal-enerġija, infrastrutturi u setturi tal-konsum, bil-ħolqien ta' rabtiet aktar b'saħħithom bejniethom, f'sinerġija ma' xulxin u appoġġati mid-diġitalizzazzjoni bl-objettiv li titwassal enerġija sikura, affordabbli, affidabbli u sostenibbli.***
- (9) Fil-kuntest tal-kriżi tal-enerġija, it-tfassil attwali tas-suq tal-elettriku ■ żvela għadd ta' ■ nuqqasijiet u konsegwenzi mhux mistennija marbutin mal-impatt tal-prezzijiet għoljin u volatili tal-fjuwils fossili fuq is-swieq tal-elettriku għal żmien qasir, li jesponu lill-unitajiet domestiċi u lill-impriżi għal żidiet sinifikanti fil-prezzijiet u l-effetti li jirriżultaw fuq il-kontijiet tal-elettriku tagħhom.

- (10) L-użu aktar mgħaġġel tal-enerġija rinnovabbli u tat-teknoloġiji flessibbli nodfa jikkostitwixxi l-aktar mod sostenibbli u kosteffettiv biex titnaqqas strutturalment id-domanda għall-fjuwils fossili għall-ġenerazzjoni tal-elettriku u li jippermetti l-konsum dirett tal-elettriku permezz tal-elettrifikazzjoni tad-domanda tal-enerġija u l-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija. Minħabba l-kostijiet operazzjonali baxxi tagħhom, l-enerġija minn sorsi rinnovabbli jista' jkollha impatt pożittiv fuq il-prezzijiet tal-elettriku madwar l-Unjoni u tnaqqas il-konsum ■ tal-fjuwils fossili.
- (11) Jenħtieġ li l-bidliet għat-tfassil tas-suq tal-elettriku jiżguraw li l-benefiċċji minn żieda fil-użu tal-enerġija rinnovabbli, u t-tranżizzjoni tal-enerġija kollha kemm hi, jinġiebu lill-konsumaturi, inkluż dawk l-aktar vulnerabbli, u fl-aħħar mill-aħħar jipproteġuhom minn kriżijiet tal-enerġija u jevitaw sitwazzjoni fejn il-klijenti domestiċi jaqgħu f'nassa ta' faqar enerġetiku. Jenħtieġ li ***dawk il-bidliet*** itaffu l-impatt tal-prezzijiet għoljin tal-fjuwils fossili, b'mod partikolari dawk tal-gass, fuq il-prezzijiet tal-elettriku, bl-għan li jippermettu lill-klijenti domestiċi u lill-impriżi jgawdu l-benefiċċji ta' enerġija affordabbli u sigura minn sorsi sostenibbli, rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju għal perjodu ta' żmien itwal, ***kif ukoll ta' soluzzjonijiet effiċjenti fl-użu tal-enerġija fit-tnaqqis tal-kostijiet ġenerali tal-enerġija, li jistgħu jnaqqsu l-ħtieġa għal espansjoni tal-grilja għat-trażmissjoni tal-elettriku u l-kapaċità tal-ġenerazzjoni.***

- (12) Ir-riforma tat-tfassil tas-suq tal-elettriku ***għandha l-għan li jinkisbu prezzijiet tal-elettriku affordabbli u kompetittivi għall-konsumaturi kollha. Għaldaqstant, jenħtieġ li tali riforma*** tkun ta' benefiċċju mhux ***biss*** għall-klijenti domestiċi iżda anke għall-kompetittività tal-industriji tal-Unjoni billi tiffaċilita l-investimenti fit-teknoloġija nadifa li dawn jirrikjedu biex jissodisfaw il-perkorsi ta' tranżizzjoni tagħhom għal emissjonijiet zero netti. It-tranżizzjoni tal-enerġija fl-Unjoni trid tiġi appoġġata minn bażi soda għall-manifattura ta' teknoloġija nadifa. Dawk ir-riformi ser jappoġġaw l-elettrifikazzjoni affordabbli tal-industrija u l-pożizzjoni tal-Unjoni bħala mexxejja globali f'termini ta' riċerka u innovazzjoni f'teknoloġiji tal-enerġija nadifa.

- (13) Il-konnessjoni ta' installazzjonijiet ġodda ta' ġenerazzjoni u domanda mal-grilja, partikolarment impjanti tal-enerġija rinnovabbli, spiss tiffaċċa dewmien. Waħda mir-raġunijiet għal dan id-dewmien hija n-nuqqas ta' kapaċità tal-grilja disponibbli fil-post magħżul mill-investitur, li jirrikjedi l-ħtieġa għal estensjonijiet jew tisħiħ tal-grilja biex l-installazzjonijiet jiġu konnessi mas-sistema b'mod sigur. Rekwiżit ġdid għall-operaturi ta-sistema tal-elettriku, kemm fil-livell ta' trażmissjoni kif ukoll f'dak ta' distribuzzjoni, li jippubblikaw u jaġġornaw l-informazzjoni dwar il-kapaċità disponibbli **għall-konnessjonijiet ġodda** fiż-żoni tal-operat tagħhom jagħti lill-investituri aċċess aktar faċli għall-informazzjoni dwar id-disponibbiltà tal-kapaċità tal-grilja fis-sistema u b'hekk jaċċellera t-teħid tad-deċiżjonijiet li min-naħa tiegħu, jaċċellera l-użu meħtieġ tal-enerġija rinnovabbli. ***Dik l-informazzjoni jenħtieġ li tiġi aġġornata fuq bażi regolari, mill-inqas kull tliet xhur, mill-operaturi ta' sistema ta' distribuzzjoni. Filwaqt li l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx dak ir-rekwiżit għall-impriżi tal-elettriku li jservu inqas minn 100 000 klijent konness jew li jservu sistemi iżolati żgħar, jenħtieġ li huma jinkoraġġixxu lil dawk l-impriżi biex jipprovdu dik l-informazzjoni lill-utenti tas-sistema darba fis-sena u jenħtieġ li jippromwovu l-kooperazzjoni bejn l-operaturi ta' sistemi ta' distribuzzjoni għal dak l-għan. L-operaturi ta' sistema ta' distribuzzjoni jenħtieġ li jippubblikaw ukoll il-kriterji użati biex jiddeterminaw il-kapaċitajiet tal-grilja disponibbli, bħall-kapaċitajiet eżistenti tad-domanda u tal-ġenerazzjoni, is-suppożizzjonijiet magħmula għall-valutazzjoni tal-integrazzjoni ulterjuri possibbli tal-utenti addizzjonali tas-sistema, l-informazzjoni rilevanti dwar it-tnaqqis possibbli tal-enerġija, u l-aspettattiva tal-iżviluppi rilevanti futuri tan-network.***

- (14) Barra minn hekk, sabiex tiġi indirizzata l-problema ta' ħinijiet twal għal tweġiba dwar talbiet għall-konnessjoni mal-grilja, l-operaturi ta' sistemi ta' distribuzzjoni jenħtieġ li jipprovdu informazzjoni ċara u trasparenti lill-utenti tas-sistema dwar l-istatus u t-trattament tat-talbiet ta' konnessjoni tagħhom. L-operaturi ta' sistema ta' distribuzzjoni jenħtieġ ■ li jipprovdu din l-informazzjoni fi żmien tliet xhur mid-data tal-preżentazzjoni tat-talba *u jenħtieġ li jaġġornawha fuq bażi regolari, mill-inqas kull tliet xhur.*
- (15) *F'żoni fejn il-grilji tal-elettriku għandhom kapaċità limitata jew l-ebda kapaċità ta' network, l-utenti tan-network li jitolbu konnessjoni mal-grilja jenħtieġ li jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-istabbiliment ta' konnessjoni mhux sod u flessibbli. Dak il-ftehim ta' konnessjoni għandu, pereżempju, iqis il-ħżin tal-enerġija jew jillimita l-ħinijiet li fihom impjant tal-ġenerazzjoni ta' enerġija jkun jista' jifja' l-elettriku fil-grilja jew il-kapaċità li tkun tista' tiġi esportata, li tippermetti l-konnessjoni parzjali tiegħu. L-operaturi ta' sistema jenħtieġ joffru l-possibbiltà li jiġu stabbiliti konnessjonijiet flessibbli f'oqsma bħal dawn. L-awtoritajiet regolatorji jew awtorità kompetenti oħra meta Stat Membru jkun ippreveda hekk, jenħtieġ li jiżviluppaw oqfsa għall-operaturi ta' sistemi biex jistabbilixxu tali konnessjonijiet flessibbli, filwaqt li jiżguraw li r-rinforzi tan-network li jipprovdu s-soluzzjonijiet strutturali jingħataw prijorità, il-ftehimiet ta' konnessjoni jsiru sodi hekk kif in-networks ikunu lesti, jiġu ffaċilitati konnessjonijiet flessibbli bħala soluzzjoni permanenti għal żoni fejn it-tisħiħ tan-network ma jkunx effiċjenti u, sa fejn ikun possibbli, jagħtu viżibbiltà lill-utenti tan-network li jitolbu konnessjoni mal-grilja fil-livelli ta' tnaqqis mistennija skont il-ftehim ta' konnessjoni flessibbli.*

- (16) Matul il-kriżi tal-enerġija, il-konsumaturi kienu esposti għal prezzijiet tal-enerġija bl-ingrossa estremament volatili u kellhom opportunitajiet limitati biex jinvolve ruħhom fis-suq tal-enerġija. Konsegwentement, ħafna klijenti domestiċi kienu qed jiffaċċjaw diffikultajiet ***finanzjarji u ma setgħux iħallsu*** l-kontijiet tagħhom. Il-klijenti vulnerabbli u l-klijenti milquta mill-faqar enerġetiku kienu l-aktar milquta, iżda l-klijenti domestiċi b'introjtu medju ġew esposti wkoll għal dawn id-diffikultajiet. ***Il-prezzijiet għoljin tal-enerġija jista' jkollhom ukoll impatt negattiv fuq is-saħħa, il-benesseri u l-kwalità tal-ħajja ġenerali tal-konsumaturi.*** Għalhekk, huwa importanti li jiġi mtejbja d-drittijiet u l-protezzjoni tal-konsumatur, li jippermettu lill-konsumaturi jibbenefikaw mit-tranżizzjoni tal-enerġija, li l-kontijiet tal-elettriku tagħhom jiġi diżakkoppjati minn movimenti fil-prezzijiet fuq terminu qasir fis-swieq tal-enerġija u li jiġi bbilanċjat mill-ġdid ir-riskju bejn il-fornituri u l-konsumaturi.

- (17) Il-konsumaturi jenħtieġ li jkollhom aċċess għal firxa wiesgħa ta' offerti sabiex ikunu jistgħu jagħżlu kuntratt li jikkorrispondi għall-ħtiġijiet tagħhom. Madankollu, il-fornituri naqqsu l-offerti tagħhom, il-kuntratti għall-provvista tal-elettriku għal terminu fiss bi prezz fiss saru skarsi, u l-għażla tal-offerti saret limitata. Il-konsumaturi jenħtieġ li dejjem ikollhom il-possibbiltà li jagħżlu prezz fiss affordabbli, kuntratt għall-**provvista tal-elettriku** b'terminu fiss u l-fornituri jenħtieġ li la jkunu jistgħu jimmodifikaw unilaterament it-termini u l-kundizzjonijiet kuntrattwali **u lanqas jiterminaw il-kuntratt** qabel ma dan jilħaq il-maturità tiegħu. **Madankollu, il-kuntratti bi prezzijiet dinamiċi jibqgħu essenzjali u penetrazzjoni dejjem akbar ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli tista' tgħin lill-konsumaturi jnaqqsu l-kontijiet tal-enerġija tagħhom. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jeżentaw lill-fornituri b'aktar minn 200 000 klijent finali li joffru biss kuntratti bi prezzijiet dinamiċi mill-obbligu li joffru kuntratti għall-provvista tal-elettriku għal terminu fiss bi prezz fiss, dment li dik l-eżenzjoni ma jkollhiex impatt negattiv fuq il-kompetizzjoni u jibqa' jkun hemm għażla suffiċjenti ta' kuntratti għall-provvista tal-elettriku għal terminu fiss bi prezz fiss.**

- (18) Meta l-fornituri ma jiżgurawx li l-portafoll tal-elettriku tagħhom ikun iħħeġġjat biżżejjed, il-bidliet fil-prezzijiet tal-elettriku bl-ingrossa jistgħu jħalluhom f'riskju finanzjarju u jistgħu jwasslu għall-falliment tagħhom u l-kostijiet tagħhom jgħaddu għall-konsumaturi u utenti oħra tan-network. Għalhekk, jenħtieġ li l-fornituri jkunu ħħeġġjati kif xieraq meta joffru kuntratti għall-provvista tal-elettriku għal terminu fiss bi prezz fiss. Strateġija xierqa ta' ħħeġġjar jenħtieġ li tqis l-aċċess tal-fornitur għall-ġenerazzjoni tiegħu stess u għall-kapitalizzazzjoni tiegħu, kif ukoll l-iskopertura tiegħu għall-bidliet fil-prezzijiet tas-suq bl-ingrossa, *id-daqs tal-fornitur jew l-istruttura tas-suq. L-eżistenza ta' strateġiji xierqa ta' ħħeġġjar tista' tiġi żgurata permezz ta' regoli ġenerali ssorveljati mingħajr ma jitwettaq rieżami speċifiku tal-pożizzjonijiet jew l-istrateġiji ta' fornituri individwali. Testijiet tal-istress u rekwiżiti ta' rappurtar fuq il-fornituri jistgħu jkunu għodod li permezz tagħhom jiġu vvalutati l-istrateġiji ta' ħħeġġjar tal-fornituri.*

- (19) Il-konsumaturi jenħtieġ li jkunu jistgħu jagħżlu l-fornitur li joffrilhom il-prezz u s-servizz li l-aħjar jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom. L-avvanzi fit-teknoloġija tal-kejl u tal-kejl separat flimkien mat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni jagħmluha teknikament possibbli li jkun hemm diversi fornituri għal bini individwali ■ . Il-klijenti jenħtieġ li jkunu jistgħu jagħżlu fornitur separat ***b'mod partikolari*** għall-elettriku biex jitħaddem apparat bħal pompi tas-sħana jew vetturi elettriċi li għandhom konsum partikolarment għoli jew li għandhom ukoll il-kapaċità li jibdlu l-konsum tal-elettriku tagħhom awtomatikament b'reazzjoni għas-sinjali tal-prezzijiet. ***Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-klijenti jitħallew ikollhom aktar minn punt wieħed ta' kejl u ta' fatturazzjoni koperti mill-punt uniku ta' konnessjoni għall-binjiet tagħhom, biex apparat differenti jkun jista' jitkejjel u jiġi fornut separatament. Il-punti ta' kejl jenħtieġ li jkunu distinti b'mod ċar minn xulxin u jenħtieġ li jikkonformaw mar-regoli tekniċi applikabbli. Jenħtieġ li r-regoli għall-allokazzjoni tal-kostijiet assoċjati jiġu ddeterminati mill-Istati Membri. Ċerti sistemi ta' kejl intelliġenti jistgħu jkopru direttament aktar minn punt wieħed ta' kejl u b'hekk jippermettur li l-klijenti jkollhom aktar minn kuntratt ta' provvista tal-elettriku jew ftehim dwar il-kondiviżjoni tal-enerġija wieħed fl-istess ħin. Jenħtieġ li l-fornituri jkunu responsabbli mill-ibbilanċjar għall-punti ta' kejl u ta' fatturazzjoni li jfornu biss.***

Barra minn hekk, jekk ikun possibbli li jintużaw soluzzjonijiet ta' kejl iddedikati, li jkunu mqabbdha ma' apparat jew li jkunu inkorporati fih b'tagħbijiet flessibbli u kontrollabbli, il-klijenti finali jkunu jistgħu jipparteċipaw fi skemi oħra ta' rispons tad-domanda bbażati fuq l-inċentivi li jipprovdu servizzi ta' flessibbiltà fis-suq tal-elettriku u lill-operaturi ta' sistema ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni. Kumplessivament, dawn l-arranġamenti jenħtieġ li ***jkunu kompatibbli mal-kondiviżjoni tal-enerġija u jenħtieġ li*** jikkontribwixxu għall-adozzjoni akbar tar-rispons tad-domanda u għall-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi, b'hekk jippermettu lill-***klijenti*** jkollhom aktar kontroll fuq l-użu tal-enerġija u l-kontijiet tagħhom, filwaqt li jipprovdu lis-sistema tal-elettriku bi flessibbiltà addizzjonali sabiex ilaħħqu mal-varjazzjonijiet fil-provvista u d-domanda.

- (20) Minħabba l-kumplessità dejjem akbar tal-offerti tal-enerġija u l-prattiki ta' kummerċjalizzazzjoni differenti, il-konsumaturi spiss isibuha diffiċli biex jifhmu għalkollox l-implikazzjonijiet tal-offerti tal-fornituri jew tal-kuntratt li jiffirmaw. B'mod partikolari, spiss ikun hemm nuqqas ta' ċarezza dwar kif jiġi stabbilit il-prezz, il-kundizzjonijiet għat-tiġdid ta' kuntratt, il-konsegwenzi tat-terminazzjoni ta' kuntratt jew ir-raġunijiet għat-tibdil fit-termini u l-kundizzjonijiet mill-fornitur. Għalhekk, jenħtieġ li l-fornituri jew il-parteċipanti fis-suq involuti fl-aggregazzjoni jagħtu l-informazzjoni ewlenija dwar l-offerti tal-enerġija lill-konsumaturi b'mod konċiż u li jinftiehem faċilment qabel ma jiġi konkluż jew estiż kuntratt.

- (21) Biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-provvista għall-konsumaturi, ***b'mod partikolari f'każijiet ta' falliment tal-fornitur, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom fis-seħħ sistema ta' fornitur tal-aħħar istanza. Jenħtieġ li jkun possibbli li l-fornitur tal-aħħar istanza jinħatar jew qabel jew fil-mument ta' falliment tal-fornitur. Dan il-fornitur tal-aħħar istanza jista' jiġi ttrattat bħala fornitur ta' servizz universali. Fornitur tal-aħħar istanza jista' jkun id-diviżjoni tal-bejgħ ta' intrapriża integrata vertikalment li twettaq ukoll funzjonijiet ta' distribuzzjoni, dment li jissodisfa r-rekwiżiti ta' separazzjoni tad-Direttiva (UE) 2019/944. Madankollu, dan ma jimplikax li l-Istati Membri jkollhom l-obbligu li jipprovdu għal ċertu prezz minimu fiss. Meta Stat Membru jobbliga lil fornitur tal-aħħar istanza jforni l-elettriku lil klijent li ma jirċevix offerti bbażati fuq is-suq, japplikaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5 tad-Direttiva (UE) 2019/944 u l-obbligu jista' jinvolvi prezz irregolat biss sa fejn il-klijent ikun intitolat jibbenefika minn prezzijiet irregolati. Meta jivvalutaw jekk l-offerti riċevuti minn klijenti mhux domestiċi jkunux ibbażati fuq is-suq, l-Istati Membri jenħtieġ li jqisu ċ-ċirkostanzi kummerċjali u tekniċi individwali. Meta, qabel ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], Stat Membru jkun diġà ħatar fornitur tal-aħħar istanza permezz ta' proċedura ġusta, trasparenti u mhux diskriminatorja, ma jkunx hemm bżonn li titnieda proċedura ġdida biex jinħatar il-fornitur tal-aħħar istanza.***

- (22) Il-kondiviżjoni tal-enerġija tista' toħloq reżiljenza għall-effetti ta' prezzijiet għoljin u volatili tas-suq bl-ingrossa fuq il-kontijiet tal-enerġija tal-konsumaturi, tagħti s-setgħa lil grupp usa' ta' konsumaturi li ma jkollhomx l-għażla li jsiru klijent attiv minħabba restrizzjonijiet finanzjarji jew spazjali, bħal klijenti vulnerabbli u klijenti affettwati mill-faqar enerġetiku, u twassal għal żieda fl-użu tal-enerġija rinnovabbli billi timmobilizza investiment kapitali privat addizzjonali u tiddiversifika l-perkorsi ta' remunerazzjoni. Bl-integrazzjoni ta' sinjali tal-prezzijiet u faċilitajiet ta' ħżin xierqa, il-kondiviżjoni tal-elettriku tista' tikkontribwixxi biex titwitta t-triq għall-isfruttament tal-potenzjal ta' flessibbiltà ta' konsumaturi iżgħar. ***Id-dispożizzjonijiet dwar il-kondiviżjoni tal-enerġija stabbiliti f'din id-Direttiva jikkomplementaw id-dispożizzjonijiet dwar l-awtokonsum stabbiliti fl-Artikolu 21 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 u fl-Artikolu 15 tad-Direttiva (UE) 2019/944, b'mod partikolari fir-rigward tal-awtokonsum kollettiv.***
- (23) Il-klijenti attivi li huma sidien jew li jikru faċilità ta' ħżin jew ta' ġenerazzjoni jenħtieġ li jkollhom id-dritt li jaqsmu l-produzzjoni żejda ***bi ħlas jew mingħajr ħlas*** u li jagħtu s-setgħa lil konsumaturi oħra biex isiru klijenti attivi, jew biex jaqsmu l-enerġija rinnovabbli ġġenerata jew maħżuna minn faċilitajiet li b'mod konġunt ikunu mikrija jew ikunu proprjetà tagħhom, ***sa kapaċità ta' 6 MW***, direttament jew permezz ta' organizzatur ta' parti terza.

Fil-każ ta' klijenti li jipparteċipaw fi skemi ta' kondivizzjoni tal-enerġija li jkunu akbar minn intrapriżi żgħira u ta' daqs medju, id-daqs tal-kapaċità installata tal-faċilità ta' ġenerazzjoni assoċjata mal-iskema ta' kondivizzjoni tal-enerġija jenħtieġ li jkun ta' massimu ta' 6 MW u l-kondivizzjoni tal-enerġija jenħtieġ li sseħħ f'żona ġeografika lokali jew limitata, kif iddefinit mill-Istati Membri. Kwalunkwe pagament għall-kondivizzjoni ta' produzzjoni żejda bi ħlas jista' jew jiġi saldat direttament bejn il-klijenti attivi jew inkella jkun awtomatizzat permezz ta' pjattaforma ta' negozjar bejn il-pari. L-

arranġamenti għall-kondivizzjoni tal-enerġija jew ikunu bbażati fuq ftehim kuntrattwali privat bejn il-klijenti attivi jew inkella jiġu organizzati permezz ta' entità ġuridika. Entità ġuridika li tinkorpora l-kriterji ta' komunità tal-enerġija rinnovabbli kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (16), tad-Direttiva (UE) 2018/2001 ■ jew komunità tal-enerġija taċ-ċittadini kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (11), tad-Direttiva (UE) 2019/944 ■ tista' tikkondividi mal-membri tagħhom l-elettriku ġġenerat minn faċilitajiet li jkollhom sjieda sħiħa tagħhom. Il-qafas ta' protezzjoni u ta' għoti tas-setgħa għall-kondivizzjoni tal-enerġija jenħtieġ li jagħti attenzjoni partikolari lill-klijenti vulnerabbli u lill-klijenti affettwati mill-faqar enerġetiku.

- (24) Il-kondiviżjoni tal-enerġija toperazzjonalizza l-konsum kollettiv tal-elettriku awtoġenerat jew mażżun injettat fil-grilja **pubblika** minn aktar minn klijent attiv wieħed li jaġixxi b'mod konġunt. L-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu l-infrastruttura tal-IT xierqa biex jippermettu t-tqabbil amministrattiv f'ċertu perjodu ta' żmien tal-konsum **imkejjet totali tal-klijent** mal-enerġija rinnovabbli awtoġenerata jew mażżuna **li jitnaqqas mill-konsum totali** biex jiġi kkalkulat il-komponent tal-enerġija tal-kont tal-enerġija **maħruġ mill-fornitur u b'hekk jorħos il-kont tal-klijent**. L-output ta' daww il-faċilitajiet jenħtieġ li jitqassam fost il-profilu tat-tagħbija tal-konsumatur aggregati abbażi ta' metodi ta' kalkolu statiċi, varjabbli jew dinamiċi li jistgħu jiġu ddefiniti minn qabel jew miftiehma mill-klijenti attivi. **Il-klijenti attivi involuti fil-kondiviżjoni tal-enerġija huma finanzjarjament responsabbli għall-iżbilanċi li jikkawżaw, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-klijenti attivi jiddelegaw ir-responsabbiltajiet ta' bilanċjar tagħhom lil parteċipanti oħra fis-suq. Id-drittijiet u l-obbligi kollha tal-konsumatur stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2019/944 japplikaw għall-klijenti finali involuti fi skemi ta' kondiviżjoni tal-enerġija. Madankollu, jenħtieġ li l-unitajiet domestiċi b'kapacià installata sa 10,8 kW għal unitajiet domestiċi individwali u sa 50 kW għal blokko b'aktar minn appartamento wieħed ma jkunux meħtieġa jikkonformaw mal-obbligi tal-fornituri. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkun jistgħu jaġġustaw daww il-limiti biex jirriflettu ċ-ċirkostanzi nazzjonali, sa 30 kW għal klijenti domestiċi individwali u sa bejn 40 kW u 100 kW għal blokko b'aktar minn appartamento wieħed.**

- (25) *Sistemi plug-in solari żgħar, flimkien ma' sistemi u teknoloġiji oħra, jistgħu jikkontribwixxu għaż-żieda fl-użu tal-enerġija rinnovabbli u fl-involvement taċ-ċittadini fit-tranżizzjoni tal-enerġija. L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jippromwovu l-introduzzjoni ta' daww is-sistemi li jnaqqsu l-piż amministrattiv u tekniku. L-awtoritajiet regolatorji jenħtieġ li jkunu jistgħu jistabbilixxu t-tariffi tan-network għall-injezzjoni tal-elettriku li jkun ġej minn sistemi plug-in solari żgħar jew li jistabbilixxu l-metodoloġija biex jiġu kkalkulati daww it-tariffi. Skont is-sitwazzjoni fi Stat Membru, ikun possibbli li t-tariffi jkunu baxxi ħafna jew saħansitra żero, filwaqt li jkunu jirriflettu l-kost, ikunu trasparenti u mhux diskriminatorji.*
- (26) Il-klijenti vulnerabbli u l-klijenti affettwati mill-faqar enerġetiku jenħtieġ li jkunu protetti b'mod adegwat minn skonnessjonijiet tal-elettriku u jenħtieġ ukoll li ma jitqiegħdux f'pożizzjoni li tisfurzawhom jiskonnettjaw. ***Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-klijenti vulnerabbli u l-klijenti affettwati mill-faqar enerġetiku jkunu protetti għalkollox mill-iskonnessjonijiet tal-elettriku, billi jieħdu l-miżuri xierqa, inkluż il-projbizzjoni ta' skonnessjonijiet jew azzjonijiet ekwivalenti oħra. Hemm diversi għodod u prattiki tajbin disponibbli għall-Istati Membri li jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, projbizzjonijiet ta' skonnessjoni matul is-sena kollha jew staġjonali, il-prevenzjoni tad-dejn u soluzzjonijiet sostenibbli biex il-klijenti f'diffikultà jingħataw appoġġ biex iħallsu l-kontijiet tal-enerġija tagħhom.*** Ir-rwol tal-fornituri u tal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti kollha li jidentifikaw miżuri xierqa, kemm għal żmien qasir kif ukoll għal żmien twil, li jenħtieġ li jkunu disponibbli għall-klijenti vulnerabbli u l-klijenti affettwati mill-faqar enerġetiku biex jimmaniġġaw l-użu u l-ispejjeż tal-enerġija tagħhom, jibqa' essenzjali, u jenħtieġ li l-fornituri u l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti jikkooperaw mill-qrib mal-awtoritajiet tas-sigurtà soċjali.

- (27) *Il-konsumaturi għandhom id-dritt li jużaw proċeduri ta' lment immaniġġati mill-fornituri tagħhom kif ukoll proċeduri ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, sabiex jibbenefikaw mill-infurzar effettiv tad-drittijiet tagħhom u sabiex ma jkunux żvantaġġati f'każ ta' nuqqas ta' qbil mal-fornituri, b'mod partikolari fir-rigward tal-kontijiet jew l-ammont dovut. Meta l-klijenti jużaw dawk il-proċeduri, jenħtieġ li l-fornituri ma jtemmux il-kuntratti abbażi tal-fatti li jkunu għadhom qed jiġu kkontestati. Il-fornituri u l-klijenti jenħtieġ li jkomplu jissodisfaw id-drittijiet u l-obbligi kuntrattwali tagħhom, b'mod partikolari biex ifornu l-elettriku u jħallsu għal dak l-elettriku, u jenħtieġ li l-proċeduri ta' lment ma jsirux raġuni għal abbużi li jippermettu lill-klijenti ma jonorawx l-obbligi kuntrattwali tagħhom, inkluż li jħallsu l-kontijiet tagħhom. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jistabbilixxu miżuri xierqa biex jevitaw li dawk il-proċeduri ta' lment jew ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim jintużaw b'mod distort.*

- (28) L-interventi pubbliċi fl-iffissar tal-prezzijiet għall-provvista tal-elettriku jikkostitwixxu, fil-prinċipju, miżura li toħloq distorsjoni fis-suq. Għalhekk, jenħtieġ li tali interventi jitwettqu biss meta jkun xieraq u bħala obbligi ta' servizz pubbliku u jenħtieġ li jkunu soġġetti għal kundizzjonijiet speċifiċi. Skont din id-Direttiva, prezzijiet irregolati huma possibbli għal klijenti vulnerabbli u klijenti affettwati mill-faqar enerġetiku, inkluż taħt il-kostijiet, u, bħala miżura ta' tranżizzjoni, għall-klijenti domestiċi u l-mikrointrapriżi ***irrispettivament minn jekk ikunx hemm kriżi fil-prezzijiet tal-elettriku***. Matul kriżi fil-prezzijiet tal-elettriku, meta l-prezzijiet tal-elettriku bl-ingrossa u bl-imnut jiżdiedu b'mod sinifikanti, jenħtieġ li l-Istati Membri jithallex jestendu temporanjament l-applikazzjoni ta' prezzijiet irregolati għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Fir rigward tal-klijenti domestiċi kif ukoll l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, jenħtieġ li l-Istati Membri, b'mod eċċezzjonali u temporanju, jithallex jistabbilixxu prezzijiet irregolati taħt il-kost ***matul kriżi fil-prezzijiet tal-elettriku*** dment li dan ma joħloqx distorsjonijiet bejn il-fornituri, u li l-fornituri jiġu kkompensati għall-kostijiet tal-forniment taħt il-kost. Madankollu, huwa neċessarju li jiġi żgurat li din ir-regolamentazzjoni tal-prezzijiet tkun immirata u ma toħloqx inċentivi biex jiżdied il-konsum. Għalhekk, jenħtieġ li ***tali estensjoni eċċezzjonali u temporanja tar-regolamentazzjoni tal-prezzijiet tkun limitata għal 80 % tal-konsum medjan tal-unitajiet domestiċi għall-klijenti domestiċi u għal 70 % tal-konsum tas-sena preċedenti għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju***. Jenħtieġ li l-***Kunsill*** ikun jista', billi jaġġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni, ***permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni***, jiddikjara kriżi ***reġjonali jew fl-Unjoni kollha*** fil-prezzijiet tal-elettriku. ***Jenħtieġ li l-valutazzjoni dwar jekk teżistix kriżi tal-prezzijiet tal-elettriku bħal din tkun ibbażata fuq tqabbil mal-prezzijiet fi żminijiet ta' funzjonament normali tas-suq u għalhekk jenħtieġ li teskludi l-impatt ta' kriżijiet preċedenti tal-prezzijiet tal-elettriku ddikjarati skont din id-Direttiva***.

Jenħtieġ li ***tali deċiżjoni ta' implimentazzjoni*** tispeċifika wkoll il-perjodu ta' validità tad-dikjarazzjoni ta' kriżi tal-prezzijiet tal-elettriku, li matulha tapplika l-estensjoni temporanja tal-prezzijiet irregolati. Jenħtieġ li dak il-perjodu ma jkunx itwal minn sena. ***Meta jkomplu jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet*** ta' dik id-determinazzjoni ta' kriżi tal-prezzijiet tal-elettriku, ***jenħtieġ li jkun possibbli li l-Kunsill, li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni, jestendi l-perjodu ta' validità tad-deċiżjoni ta' implimentazzjoni. L-għoti ta' setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kunsill huwa ġġustifikat minħabba l-implikazzjonijiet orizzontali sinifikanti għall-Istati Membri ta' deċiżjoni li tiddikjara kriżi fil-prezzijiet tal-elettriku u għalhekk li jiġu attivati l-possibiltajiet estiżi għal interventi pubbliċi fl-iffissar tal-prezzijiet għall-provvista tal-elettriku. Implikazzjonijiet bħal dawn huma sinifikanti kemm f'termini tan-numru ta' klijenti kkonċernati kif ukoll tal-importanza tal-kategoriji ta' tali klijenti. L-għoti ta' setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kunsill iqis ukoll b'mod adegwat in-natura politika ta' tali deċiżjoni li tiddikjara kriżi fil-prezz tal-elettriku, li teħtieġ ibbilanċjar delikat ta' kunsiderazzjonijiet ta' politika differenti ċentrali għad-deċiżjoni tal-Istati Membri li jimplimentaw l-iffissar tal-prezzijiet għall-enerġija. Fil-każ ta' klijenti vulnerabbli u klijenti affettwati mill-faqar enerġetiku, ir-regolamentazzjoni tal-prezzijiet applikata mill-Istati Membri tista' tkopri 100 % tal-prezz f'konformità mal-Artikolu 5 tad-Direttiva (UE) 2019/944. Fi kwalunkwe każ, id-dikjarazzjoni ta' kriżi reġjonali jew madwar l-Unjoni kollha fil-prezzijiet tal-elettriku jenħtieġ li tiżgura kundizzjonijiet ekwi fl-Istati Membri kollha affettwati mid-deċiżjoni, sabiex is-suq intern ma jiġix distort mingħajr ġustifikazzjoni.***

- (29) ***Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprovdu appoġġ, f'konformità mal-Artikoli 107 u 108 TFUE, għall-kostijiet addizzjonali tal-elettriku tal-klijenti industrijali fi żminijiet ta' kriżi tal-elettriku u ta' żidiet eċċezzjonalment severi fil-prezzijiet.***

(30) *Peress li l-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja għadhom mhumie x sinkronizzati mas-sistema tal-elettriku tal-Unjoni, huma jiffaċċaw sfidi speċifiċi ħafna meta jorganizzaw swieq tal-ibbilanċjar u l-akkwist ta' servizzi anċillari bbażat fuq is-suq. Filwaqt li għaddej il-progress lejn is-sinkronizzazzjoni, wieħed mill-prerekwiżiti kritiċi għall-istabbiltà tat-tħaddim sinkroniku tas-sistema huwa d-disponibbiltà ta' riżervi suffiċjenti tal-kapaċità tal-ibbilanċjar għar-regolamentazzjoni tal-frekwenza. Madankollu, peress li jiddependu miż-żona sinkronika Russa għall-ġestjoni tal-frekwenza, l-Istati Baltiċi kienu għadhom mhumie x f'pożizzjoni li jiżviluppaw suq tal-ibbilanċjar tagħhom stess li jiffunzjona. Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna żiedet b'mod sostanzjali r-riskju għas-sigurtà tal-provvista li jirriżulta min-nuqqas ta' swieq tal-ibbilanċjar proprji. Għalhekk, jenħtieġ li l-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja jkunu eżentati mir-rekwiżiti ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Artikolu 40(4) u l-Artikolu 54(2) tad-Direttiva (UE) 2019/944 sa fejn dak ikun meħtieġ biex tiġi żgurata s-sigurtà tas-sistema għal perjodu tranżitorju. Jenħtieġ li l-perjodi tranżitorji għall-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja jitneħħew gradwalment mill-aktar fis wara s-sinkronizzazzjoni, u jenħtieġ li jintużaw biex jiġu żviluppati l-istrumenti xierqa tas-suq li joffru riżervi tal-ibbilanċjar għal żmien qasir u servizzi anċillari indispensabbli oħra, u jenħtieġ li jkunu limitati għaż-żmien meħtieġ għal dak il-proċess.*

- (31) *Meta wieħed iqis li s-sistema ta' trażmissjoni Ċiprijotta mhi konnessa ma' dik ta' ebda Stat Membru ieħor, Ċipru qed jiffaċċa sfidi speċifiċi ħafna meta jorganizza swieq tal-ibbilanċjar u l-akkwist ta' servizzi anċillari bbażat fuq is-suq. Għalhekk, jenħtieġ li Ċipru jkun eżentat mir-rekwiżiti tal-Artikolu 40(4) u l-Artikolu 54(2) tad-Direttiva (UE) 2019/944 sa fejn dak ikun meħtieġ biex tiġi żgurata s-sigurtà tas-sistema għal perjodu tranżitorju, jiġifieri sakemm is-sistema ta' trażmissjoni Ċiprijotta tkun konnessa ma' dik ta' Stati Membri oħra permezz ta' interkonnnetturi.*
- (32) Din id-Direttiva tistabbilixxi bażi legali għall-ipproċessar tad-data personali *f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*¹⁶. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li jiġu ssodisfati l-prinċipji u l-obbligi kollha relatati mal-ipproċessar tad-data personali stabbiliti fir-*Regolament (UE) 2016/679*, inkluż dwar il-minimizzazzjoni tad-data. Meta l-oġettiv ta' din id-Direttiva jista' jintlaħaq mingħajr l-ipproċessar tad-data personali, jenħtieġ li l-*kontrolluri tad-data* joqgħodu fuq data anonimizzata u aggregata.

¹⁶ *Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).*

- (33) *Sa fejn kwalunkwe waħda mill-miżuri previsti f'din id-Direttiva tikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat, id-dispożizzjonijiet dwar dawn il-miżuri huma mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 TFUE. Il-Kummissjoni hija kompetenti biex tivvaluta l-kompatibbiltà tal-għajjnuna mill-Istat mas-suq intern.*
- (34) Għalhekk, id-Direttivi (UE) 2018/2001 u (UE) 2019/944 jenħtieġ li jiġu emendati skont dan.
- (35) Minħabba li l-oġġettiv ta' din id-Direttiva, jiġifieri li ttejjeb it-tfassil tas-suq integrat tal-elettriku, b'mod partikolari biex jiġu evitati prezzijiet għoljin mhux ġustifikati tal-elettriku, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jista' pjuttost jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-oġġettiv,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Emenda għad-Direttiva (UE) 2018/2001

Fid-Direttiva (UE) 2018/2001, l-Artikolu 4(3), it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Għal dak il-għan, fir-rigward ta' skemi diretti ta' appoġġ għall-prezzijiet, l-appoġġ għandu jingħata fil-forma ta' primjum tas-suq, li jista' jkun, inter alia, varjabbli jew fiss.

It-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu ma għandux japplika għall-appoġġ għall-elettriku mis-sorsi elenkati fl-Artikolu 19d(4) tar-Regolament (UE) **2019/943**, li għalih japplika l-Artikolu 19d(1) ta' dak ir-Regolament.";

■

Artikolu 2

Emendi għad-Direttiva (UE) 2019/944 ■

Id-Direttiva (UE) 2019/944 ■ hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (8) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(8) "klijent attiv" tfisser klijent finali, jew grupp ta' klijenti finali li jaġixxu konġuntement, li jikkunsmaw jew li jaħżnu l-elettriku ġġenerat fil-binjiet tagħhom li jinsab f'konfini limitati jew elettriku awtoġġenerat jew kondiviż fi ħdan bini ieħor ■ , jew li jbigħu elettriku awtoġġenerat jew li jipparteċipaw fi skemi ta' flessibbiltà jew ta' effiċjenza fl-enerġija, dment li daww l-attivitajiet ma jikkostitwux l-attività kummerċjali jew professjonali primarja tagħhom;" ■ ;

(b) jiddaħħal il-punt li ġej:

"(10a) "kondiviżjoni tal-enerġija" tfisser l-awtokonsum minn klijenti attivi tal-enerġija rinnovabbli jew:

(a) iġġenerata jew maħżuna mhux fuq is-sit jew fuq siti bejniethom minn faċilità li huma s-sidien tagħha, li għandhom ftehim ta' lokazzjoni fuqha jew li jikru kompletament jew parzjalment; jew

- (b) li d-dritt għaliha ġie ttrasferit lilhom minn klijent attiv ieħor bi ħlas jew mingħajr ħlas;"

(c) jiddaħħal il-punt li ġej:

"(15a) "kuntratt għall-provvista tal-elettriku għal terminu fiss bi prezz fiss" tfisser kuntratt għall-provvista tal-elettriku bejn fornitur u klijent finali li jiggarantixxi li t-termini u il-kundizzjonijiet kuntrattwali, inkluż il-prezz, jibqgħu l-istess għad-***durata tal-kuntratt***, filwaqt li jista', fi prezz fiss, jinkludi element flessibbli, pereżempju, varjazzjonijiet fil-prezz fis-sigħat ta' quċċata u barra s-sigħat ta' quċċata, ***u fejn bidliet fil-kont li jirriżulta jistgħu jirriżultaw biss minn elementi li ma jkunux iddeterminati mill-fornituri, bħal taxxi u imposti***";

■ (d) jiddaħħlu l-punti li ġejjin:

"(24a) "fornitur tal-aħħar istanza" tfisser fornitur li huwa deżinjat ■ biex jieħu fidejha il-provvista tal-elettriku lil klienti ta' fornitur li ma għadux jopera;

(24b) "faqar enerġetiku" tfisser faqar enerġetiku kif definit fl-Artikolu 2, punt (52), tad-Direttiva (UE) 2023/1791 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*;

(24c) "ftehim ta' konnessjoni flessibbli" tfisser sett ta' kundizzjonijiet miftiehma għall-konnessjoni tal-kapaċità elettrika mal-grilja li jinkludi kundizzjonijiet biex tiġi limitata u kkontrollata l-injezzjoni tal-elettriku fin-network ta' trażmissjoni jew fin-network ta' distribuzzjoni u l-irtirar tal-elettriku minnhom;

* ***Id-Direttiva (UE) 2023/1791 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 dwar l-effiċjenza enerġetika u li temenda r-Regolament (UE) 2023/955 (ĠU L 231, 20.9.2023, p. 1).***";

(e) il-punt (31) huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"(31) "enerġija minn sorsi rinnovabbli" jew "enerġija rinnovabbli" tfisser
enerġija minn sorsi rinnovabbli jew enerġija rinnovabbli kif definit fl-
Artikolu 2, il-punt (1), tad-Direttiva (UE) 2018/2001;"*

(2) l-Artikolu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 4

Għażla libera tal-fornitur

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti kollha jkunu liberi li jixtru l-elettriku minn **fornituri** tal-għażla tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti kollha jkunu liberi li jkollhom aktar minn kuntratt għall-provvista tal-elettriku **jew ftehim dwar il-kondiviżjoni tal-enerġija** wieħed fl-istess waqt, u li, għal dak l-għan, il-klijenti jkunu intitolati li jkollhom aktar minn punt wieħed ta' kejl u ta' fatturazzjoni koperti mill-punt uniku ta' konnessjoni għall-binjiet tagħhom. ***Fejn ikun teknikament fattibbli, is-sistemi ta' kejl intelliġenti introdotti f'konformità mal-Artikolu 19 jistgħu jintużaw biex jippermettu lill-klijenti jkollhom aktar minn kuntratt għall-provvista tal-elettriku wieħed jew aktar minn ftehim dwar il-kondiviżjoni tal-enerġija wieħed fl-istess waqt.***";

(3) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"Artikolu 6a

Ftehimiet ta' konnessjoni flessibbli

1. L-awtorità regolatorja jew awtorità kompetenti oħra meta Stat Membru jkun ippreveda dan għandha tiżviluppa qafas għall-operaturi ta' sistema ta' trażmissjoni u għall-operaturi ta' sistema ta' distribuzzjoni biex toffri l-possibbiltà li jiġu stabbiliti ftehimiet ta' konnessjoni flessibbli f'żoni fejn il-kapaċità tan-network disponibbli għal konnessjonijiet ġodda tkun limitata jew ma teżistix kif ippubblikat f'konformità mal-Artikolu 31(3) u l-Artikolu 50(4a), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2019/943. Dak il-qafas għandu jiżgura li:

- (a) bhala regola ġenerali, il-konnessjonijiet flessibbli ma jdewmux it-tishih tan-network fiż-żoni identifikati;***
- (b) tiġi żgurata konverżjoni minn ftehimiet ta' konnessjoni flessibbli għal ftehimiet ta' konnessjoni rigorużi ladarba n-network jiġi żviluppat abbażi ta' kriterji stabbiliti; u***
- (c) għal żoni fejn l-awtorità regolatorja jew awtorità kompetenti oħra fejn Stat Membru jkun ippreveda dan, tqis li l-iżvilupp tan-network ma jkunx l-aktar soluzzjoni effiċjenti, tippermetti, fejn rilevanti, ftehimiet ta' konnessjoni flessibbli bħala soluzzjoni permanenti, inkluż għall-ħżin tal-enerġija.***

2. *Il-qafas imsemmi fil-paragrafu 1 jista' jiżgura li l-ftehimiet ta' konnessjoni flessibbli jispeċifikaw mill-inqas dan li ġej:*

- (a) *l-injezzjoni u l-irtirar rigorużi massimi tal-elettriku minn u lejn il-grilja, kif ukoll il-kapaċità addizzjonali ta' injezzjoni u rtirar flessibbli li tista' tiġi konnessa u differenzjata skont il-blokok ta' żmien matul is-sena;*
- (b) *it-tariffi tan-network applikabbli kemm għall-kapaċitajiet ta' injezzjoni u rtirar rigorużi kif ukoll għal dawk flessibbli;*
- (c) *it-tul ta' żmien maqbul tal-ftehim ta' konnessjoni flessibbli u d-data mistennija biex tingħata l-konnessjoni mal-kapaċità rigoruża kollha mitluba.*

L-utent tas-sistema li jaqbad permezz ta' konnessjoni flessibbli tal-grilja għandu jintalab jinstalla sistema ta' kontroll tal-enerġija li tkun iċċertifikata minn ċertifikatur awtorizzat.";

(4) l-Artikolu 11 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Intitolament għal *kuntratt għall-provvista tal-elettriku* għal terminu fiss bi prezz fiss u għal kuntratt tal-elettriku bi prezz dinamiku;"

(b) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. ■ L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qafas regolatorju nazzjonali jippermetti lill-fornituri joffru kuntratti ***għall-provvista tal-elettriku*** għal terminu fiss bi prezz fiss u kuntratti tal-elettriku bi prezz dinamiku. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti finali li jkollhom arloġġ intelliġenti installat ikunu jistgħu jitolbu li jikkonkludu kuntratt tal-elettriku bi prezz dinamiku u li l-klijenti finali kollha jkunu jistgħu jitolbu li jikkonkludu kuntratt ***għall-provvista*** tal-elettriku għal terminu fiss bi prezz fiss b'tul ta' mill-inqas sena, ma' mill-inqas fornitur wieħed u ma' kull fornitur li jkollu aktar minn 200 000 klijent finali.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri jistgħu jeżentaw fornitur li jkollu aktar minn 200 000 klijent finali mill-obbligu li joffri kuntratti għall-provvista tal-elettriku għal terminu fiss bi prezz fiss, meta:

- (a) il-fornitur joffri biss kuntratti bi prezz dinamiku;***
- (b) l-eżenzjoni ma jkollhiex impatt negattiv fuq il-kompetizzjoni; u***
- (c) jibqa' jkun hemm għażla suffiċjenti ta' kuntratti għall-provvista tal-elettriku għal terminu fiss bi prezz fiss għall-klijenti finali.***

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri ma jimmodifikawx unilaterament it-termini u l-kundizzjonijiet tal-kuntratti għall-provvista tal-elettriku għal terminu fiss bi prezz fiss u ma jitterminawx tali kuntratti qabel ma jilħqu l-maturità tagħhom."

(c) jiddaħħlu l-paragrafi ■ li ġejjin:

"1a. Qabel il-konklużjoni jew l-estensjoni ta' kwalunkwe kuntratt imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-klijenti finali għandhom jiġu pprovduti b'sommarju tat-termini u l-kundizzjonijiet kuntrattwali ewlenin b'mod prominenti u b'lingwaġġ ċar u konċiż. Dak is-sommarju ***għandu jistabbilixxi d-drittijiet imsemmija fl-Artikolu 10(3) u (4)*** u għandu jinkludi mill-inqas dan li ġej:

- (a) il-prezz totali ***u d-diżaggregazzjoni tiegħu;***
- (b) ***spjegazzjoni dwar jekk il-prezz huwiex fiss, varjabbli jew dinamiku;***
- (c) ***l-indirizz elettroniku tal-fornitur u d-dettalji ta' hotline ta' appoġġ għall-konsumaturi; u***
- (d) ***fejn rilevanti, informazzjoni dwar pagamenti ta' darba, promozzjonijiet, servizzi addizzjonali u skontijiet.***

Il-Kummissjoni għandha tipprovdi gwida f'dak ir-rigward. ■

1b. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti finali b'kuntratti għall-provvista tal-elettriku għal terminu fiss bi prezz fiss ma jiġux esklużi milli jipparteċipaw, meta jiddeċiedu li jagħmlu dan, fir-rispons tad-domanda u fil-kondiviżjoni tal-enerġija u milli jikkontribwixxu b'mod attiv għall-issodisfar tal-ħtiġijiet għall-flessibbiltà tas-sistema nazzjonali tal-elettriku."

(d) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. ■ L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti finali jkunu informati bis-siġh mill-fornituri dwar l-oportunitajiet, il-kostijiet u r-riskji ***tat- tipi ta'*** kuntratti rispettivi għall-provvista ***tal-elettriku***, u li l-fornituri jkunu meħtieġa jipprovdu informazzjoni lill-klijenti finali kif xieraq, inkluż fir-rigward tal-meħtieġa li jkollhom arloġġ tal-elettriku adegwat installat. L-awtoritajiet regolatorji għandhom:

(a) jimmonitorjaw l-iżviluppi tas-suq u jivvalutaw ir-riskji li prodotti u servizzi ġodda jistgħu jinvolvu u jindirizzaw il-prattiki abbużivi;

(b) ***jieħdu miżuri xierqa fejn jiġu identifikati tariffi għat-terminazzjoni mhux permissibbli f'konformità mal-Artikolu 12(3).***";

(5) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

Artikolu 15a

Id-dritt għall-kondiviżjoni tal-enerġija

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-unitajiet domestiċi kollha, l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, il-korpi pubbliċi ***u, meta Stat Membru jkun iddeċieda hekk, kategoriji oħra ta' klijenti finali*** jkollhom id-dritt li jipparteċipaw fil-kondiviżjoni tal-enerġija bħala klijenti attivi ***b'mod mhux diskriminatorju, fl-istess żona tal-offerti jew żona ġeografika aktar limitata, kif iddeterminat minn dak l-Istat Membru.***

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti attivi jkunu intitolati li jikkondividu l-enerġija rinnovabbli bejniethom abbażi ta' ftehimiet privati jew permezz ta' entità ġuridika. ***Il-parteċipazzjoni fil-kondiviżjoni tal-enerġija ma għandhiex tikkostitwixxi l-attività kummerċjali jew professjonali primarja tal-klijenti attivi.***
3. Il-klijenti attivi jistgħu ***jaħtru*** parti terza ***bħala organizzatur tal-kondiviżjoni tal-enerġija għall-finijiet ta':***
- (a) ***il-komunikazzjoni dwar l-arranġamenti tal-kondiviżjoni tal-enerġija ma' entitajiet rilevanti oħra, bħal fornituri u operaturi tan-network, inkluż dwar l-aspetti relatati mat-tariffi, it-taxxi jew l-imposti applikabbli;***
 - (b) ***l-ġhoti ta' appoġġ għall-ġestjoni u l-ibbilanċjar tat-tagħbijiet flessibbli ta' wara l-arloġġ, il-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli distribwita u l-faċilitajiet tal-ħżin li jagħmlu parti mill-arranġament tal-kondiviżjoni tal-enerġija rilevanti;***
 - (c) ***l-ikkuntrattar u l-fatturazzjoni ta' klijenti attivi li jipparteċipaw fil-kondiviżjoni tal-enerġija;***
 - (d) ***l-installazzjoni u t-tħaddim, inkluż il-kejl u l-manutenzjoni, tal-faċilità ta' ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli jew tal-faċilità tal-ħżin.***

L-organizzatur tal-kondiviżjoni tal-enerġija jew parti terza oħra jistgħu jkunu s-sidien jew jimmaniġġaw faċilità ta' ħżin jew ta' ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli sa massimu ta' 6 MW, mingħajr ma jitqiesu bħala klijenti attivi, ħliet meta jkun wieħed mill-klijenti attivi li jipparteċipa fil-proġett tal-kondiviżjoni tal-enerġija. L-organizzatur tal-kondiviżjoni tal-enerġija għandu jipprovdi servizzi mhux diskriminatorji u prezzijiet, tariffi u termini trasparenti tas-servizzi. Fir-rigward tal-ewwel subparagrafu, il-punt (c), ta' dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 10, 12 u 18. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-qafas regolatorju għall-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti attivi li jipparteċipaw fil-kondiviżjoni tal-enerġija:
 - (a) ikunu intitolati li jkollhom l-elettriku kondiviż **injettat fil-grilja mnaqqas mill-konsum totali** mkejjeġ tagħhom f'intervall ta' żmien li ma jkunx itwal mill-perjodu ta' saldu tal-iżbilanċ u mingħajr preġudizzju għat-taxxi **mhux diskriminatorji**, l-imposti u t-tariffi tan-network **li jirriflettu l-kostijiet** applikabbli;
 - (b) jibbenefikaw mid-drittijiet u l-obbligi kollha tal-konsumatur bħala klijenti finali skont din id-Direttiva **■** ;

- (c) *ma jkunux meħtieġa jikkonformaw mal-obbligi tal-fornitur s fejn l-enerġjarinnovabbli tiġi kondiviża bejn unitajiet domestiċi b'kapaċità installata sa massimu ta' 10,8 kW għal unitajiet domestiċi individwali u sa massimu ta' 50 kW għal blokko b'aktar minn appartament wieħed;*
- (d) ikollhom aċċess għal kuntratti mudell *volontarji* b'termini u kundizzjonijiet ġusti u trasparenti u ftehimiet dwar il-*kondiviżjoni tal-enerġija* ■ ;
- (e) f'każ ta' kunflitt li jirriżulta minn ftehim dwar il-kondiviżjoni tal-enerġija, ikollhom aċċess għal soluzzjoni alternattiva għat-tilwim *ma' parteċipanti oħra fil-ftehim dwar il-kondiviżjoni tal-enerġija* f'konformità mal-Artikolu 26;

- (f) ma jkunux soġġetti għal trattament inġust u diskriminatorju mill-partiċipanti fis-suq jew mill-partijiet responsabbli mill-ibbilanċjar tagħhom;
- (g) jiġu informati bil-possibbiltà ta' bidliet fiż-żoni tal-offerti f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2019/943 u bil-fatt li d-dritt għall-kondiviżjoni tal-enerġija jkun ristrett *f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu*;
- (h) *jinnotifikaw l-arranġamenti dwar il-kondiviżjoni tal-enerġija lill-operaturi tas-sistema u lill-partiċipanti fis-suq rilevanti, inkluż il-fornituri rilevanti direttament jew inkella permezz ta' organizzatur tal-kondiviżjoni tal-enerġija.*

L-Istati Membri jistgħu jadattaw il-limiti msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punt

(c), f'konformità ma' dan li ġej:

- (a) *fil-każ ta' unitajiet domestiċi individwali, il-limitu jista' jiżdied sa massimu ta' 30 kW;*
- (b) *fil-każ ta' blokok b'aktar minn appartament wieħed, il-limitu jista' jiżdied sa 100 kW jew, fil-każ ta' ċirkostanzi speċifiċi debitament ġustifikati minħabba daqs medju mnaqqas ta' blokok ta' appartamenti multipli, jitnaqqas sa minimu ta' 40 kW.*

5. *Meta kategoriji oħra ta' klijenti finali li jipparteċipaw fi skemi ta' kondiviżjoni tal-enerġija jkunu akbar minn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, għandhom japplikaw il-kundizzjonijiet addizzjonali li ġejjin:*

- (a) *id-daqs tal-kapaċità installata tal-faċilità ta' ġenerazzjoni assoċjata mal-iskema ta' kondiviżjoni tal-enerġija għandu jkun massimu ta' 6 MW;*
- (b) *il-kondiviżjoni tal-enerġija sseħħ f'żona ġeografika lokali jew limitata, kif definit mill-Istat Membru kkonċernat.*

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi rilevanti ta' sistema ta' trażmissjoni jew l-operaturi rilevanti ta' sistema ta' distribuzzjoni jew korpi deżinjati oħrajn:
- (a) jimmonitorjaw, jiġbru, jivvalidaw u jikkomunikaw data dwar il-kejl relatata mal-elettriku kondiviż mal-klijenti finali u mal-parteciċipanti fis-suq rilevanti mill-inqas kull xahar, u f'konformità mal-Artikolu 23, ***u għal dak l-għan, jistabbilixxu sistemi tal-IT xierqa***;
 - (b) jipprovdu punt ta' kuntatt rilevanti biex:
 - (i) jirreġistraw l-arranġamenti dwar il-kondivizzjoni tal-enerġija;
 - (ii) ***jagħmlu disponibbli informazzjoni Prattika għall-kondivizzjoni tal-enerġija***;
 - (iii) jirċievu informazzjoni dwar il-punti ta' kejl rilevanti, bidliet fil-post u fil-parteciċipazzjoni; u
 - (iv) fejn applikabbli, jivvalidaw il-metodi ta' kalkolu b'mod ċar, trasparenti u f'waqtu.
7. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa u mhux diskriminatorji biex jiżguraw li l-klijenti vulnerabbli u l-klijenti milqutin mill-faqar enerġetiku jkunu jistgħu jaċċessaw skemi ta' kondivizzjoni tal-enerġija. Dawk il-miżuri jistgħu jinkludu miżuri ta' appoġġ finanzjarju jew kwota ta' allokazżjoni tal-produzzjoni.

8. *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proġetti ta' kondiviżjoni tal-enerġija li jkunu proprjetà tal-awtoritajiet pubbliċi jagħmlu l-elettriku kondiviż aċċessibbli għall-klijenti jew ċittadini vulnerabbli jew milqutin mill-faqar enerġetiku. Meta jagħmlu dan, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-almu tagħhom sabiex l-ammont ta' dik l-enerġija aċċessibbli bħala medja jkun mill-inqas 10 % tal-enerġija kondiviża.*
9. *L-Istati Membri jistgħu jippromwovu l-introduzzjoni ta' sistemi plug-in solari żgħar b'kapaċità massima sa 800 W fil-bini u fuqu.*
10. *Il-Kummissjoni għandha tipprovdi gwida lill-Istati Membri mingħajr ma żżid il-piż amministrattiv sabiex tiffaċilita l-istabbiliment ta' approċċ standardizzat fir-rigward tal-kondiviżjoni tal-enerġija u jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għall-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli u l-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadin.*
11. *Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-klijenti li jagħżlu l-fornitur tagħhom f'konformità mal-Artikolu 4 u mar-regoli nazzjonali applikabbli dwar l-awtorizzazzjoni tal-fornituri.";*

(6) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"Artikolu 18a

Ġestjoni tar-riskju mill-fornitur

1. **■** L-awtoritajiet regolatorji *jew, meta Stat Membru jkun iddeżinja awtorità kompetenti indipendenti alternattiva għal dak l-għan, tali awtorità kompetenti ddeżinjata, filwaqt li tqis id-daqs tal-fornitur jew l-istruttura tas-suq u inkluż, jekk rilevanti, billi twettaq testijiet tal-istress* għandha tiżgura li l-fornituri:
 - (a) ikollhom fis-seħħ u jimplimentaw strateġiji ta' ħħeġġjar xierqa, biex jillimitaw ir-riskju ta' bidliet fil-provvista tal-elettriku bl-ingrossa għall-vijabbiltà ekonomika tal-kuntratti tagħhom mal-klijenti, filwaqt li jżommu l-likwidità fis-swieq għal terminu qasir u s-sinjali tal-prezzijiet minnhom;
 - (b) *jieħdu l-passi raġonevoli kollha biex jillimitaw ir-riskju tagħhom ta' interruzzjoni fil-provvista.*
2. L-istrateġiji ta' ħħeġġjar tal-fornituri jistgħu jinkludu l-użu ta' ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (77), tar-Regolament (UE) 2019/943 *jew strumenti xierqa oħra, bħal kuntratti forward*. Fejn jeżistu swieq żviluppati biżżejjed għall-ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija li jippermettu kompetizzjoni effettiva, l-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li sehem mill-esponiment għar-riskju tal-fornituri għall-bidliet fil-prezzijiet tal-elettriku bl-ingrossa jkun kopert bl-użu ta' ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija għall-elettriku ġġenerat minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli li jaqblu mad-durata tal-iskopertura għar-riskju tagħhom min-naħa tal-konsumatur, soġġett għall-konformità mad-dritt tal-Unjoni dwar il-kompetizzjoni.

3. L-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex jiżguraw l-aċċessibbiltà tal-prodotti ta' ħħeġġjar għall-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadin u għall-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli ***u biex jistabbilixxu kundizzjonijiet abilitanti għal dak l-għan.***";

(7) fl-Artikolu 27, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

- "1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti domestiċi kollha, u, fejn l-Istati Membri jqisu li jkun xieraq, l-intrapriżi żgħar, igawdu servizz universali, jiġifieri d-dritt li jiġu furnuti b'elettriku ta' kwalità speċifikata fit-territorju tagħhom bi prezzijiet kompetittivi, komparabbli faċilment u b'mod ċar, trasparenti u mhux diskriminatorji. Sabiex tiġi żgurata l-provvista ta' servizz universali, l-Istati Membri għandhom jimponu fuq l-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni obbligu li jgħaqqdu l-klijenti man-network tagħhom taħt termini, kundizzjonijiet u tariffi stabbiliti skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 59(7). Din id-Direttiva m'għandhiex twaqqaf lill-Istati Membri milli jsaħħu l-pożizzjoni fis-suq tal-klijenti domestiċi u tal-klijenti żgħar u ta' daqs medju mhux domestiċi billi jippromwovu l-possibbiltajiet għall-aggregazzjoni volontarja tar-rappreżentazzjoni għal dik il-klassi ta' klijenti.";

(8) jiddaħħal l-Artikolu ■ li ġej:

"Artikolu 27a

Fornitur tal-aħħar istanza

1. *Meta* l-Istati Membri *ma jkunux diġà daħħlu fis-seħħ reġim fir-rigward* tal-fornituri tal-aħħar istanza, *huma għandhom jintroduċu tali reġim biex jiżguraw il-kontinwità tal-provvista* tal-inqas għall-klijenti domestiċi. Il-fornituri tal-aħħar istanza għandhom jinħatru bi proċedura ġusta ■ , trasparenti u mhux diskriminatorja.
2. Il-klijenti finali li jiġu ttrasferiti lill-fornituri tal-aħħar istanza għandhom *ikomplu jibbenefikaw mid-drittijiet kollha* tagħhom bħala klijenti, *kif* stabbilit f'*din id-Direttiva*.
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri tal-aħħar istanza jikkomunikaw it-termini u l-kundizzjonijiet tagħhom lill-klijenti ttrasferiti mingħajr dewmien u jiżguraw kontinwità bla xkiel tas-servizz għal dawk il-klijenti għal *perjodu li jkun meħtieġ biex isibu fornitur ġdid, u ta' mill-inqas sitt xhur*.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti finali jingħataw informazzjoni u inkoraġġiment biex jaqilbu għal offerta bbażata fuq is-suq.
5. L-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li fornitur tal-aħħar istanza jipprovdi l-elettriku lil klijenti domestiċi *u intrapriżi żgħar u ta' daqs medju* li ma jirċevux offerti bbażati fuq is-suq. F'każijiet bħal dawn, għandhom japplikaw il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 5. ";

(9) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"Artikolu 28a

Protezzjoni mill-iskonnessjonijiet ■

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti vulnerabbli *u l-klijenti affettwati mill-faqar enerġetiku* jkunu protetti *bis-sħiħ* mill-iskonnessjonijiet tal-elettriku, *billi jieħdu l-miżuri xierqa, inkluż il-projbizzjoni tal-iskonnessjonijiet jew azzjonijiet ekwivalenti oħra*. L-Istati Membri għandhom jipprovdu tali protezzjoni bħala parti mill-politika tagħhom fir-rigward tal-klijenti vulnerabbli skont l-Artikolu 28(1) ■ u mingħajr preġudizzju għall-miżuri stabbiliti fl-*Artikolu 10(11)*.

Meta jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-miżuri tat-traspożizzjoni tagħhom ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jispjegaw ir-relazzjoni bejn l-ewwel subparagrafu u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti ta' traspożizzjoni nazzjonali.

2. *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri ma jgħidhomx il-kuntratti u ma jiskonnnettjawx il-klijenti għar-raġunijiet li għalihom il-klijenti jkunu ppreżentaw ilment f'konformità mal-Artikolu 10(9) jew li jkunu soġġetti għal mekkaniżmu għal soluzzjoni alternattiva għat-tilwim f'konformità mal-Artikolu 26. Tali lment jew l-użu ta' tali mekkaniżmu ma għandux jaffettwa d-drittijiet u l-obbligi kuntrattwali tal-partijiet. L-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri xierqa biex jevitaw abbuż ta' proċess.*
3. *L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa msemmija fil-paragrafu 1 biex jippermettu lill-klijenti jevitaw l-iskonnessjoni, li jistgħu jinkludu:*
- (a) *il-promozzjoni ta' kodiċijiet volontarji għall-fornituri u l-klijenti dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' każijiet ta' klijenti b'arretrati; dawk l-arranġamenti jistgħu jikkonċernaw l-appoġġ għall-klijenti fil-ġestjoni tal-użu u l-kostijiet tal-enerġija tagħhom, inkluż l-immarkar ta' żidiet qawwija tal-enerġija mhux tas-soltu jew l-użu fl-istaġuni tax-xitwa u tas-sajf, l-offerta ta' pjanijiet ta' pagament flessibbli xierqa, miżuri ta' konsulenza dwar id-dejn, qari tal-awtokejl, u komunikazzjoni mtejbja mal-klijenti u l-aġenziji ta' appoġġ;*
 - (b) *il-promozzjoni tal-edukazzjoni u s-sensibilizzazzjoni tal-klijenti dwar id-drittijiet tagħhom fir-rigward tal-ġestjoni tad-dejn;*

- (c) *aċċess għal finanzjament, vawċers jew sussidji biex jappoġġaw il-ħlas ta' kontijiet;*
- (d) *l-inkoraġġiment u l-iffaċilitar tal-komunikazzjoni tal-qari tal-arloġġ kull tliet xhur, jew fejn rilevanti għal perjodi iqsar ta' fatturazzjoni, fejn tkun għet implimentata sistema ta' awtoqari regolari mill-klijent finali biex jiġu ssodisfati l-obbligi tal-punti 2(a) u (b), tal-Anness I fir-rigward tal-frekwenza tal-fatturazzjoni u l-għoti ta' informazzjoni dwar il-fatturazzjoni."*

(10) fl-Artikolu 31, il-paragrafi 2 u 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

- "2. Fi kwalunkwe każ, l-operatur ta' sistema ta' distribuzzjoni ma għandux jiddiskrimina bejn utenti ta' sistema jew bejn klassijiet ta' utenti ta' sistema, inkluż il-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli u l-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadin, b'mod partikolari favur l-impriżi relatati tiegħu.
3. **■** *L-operaturi* ta' sistema ta' distribuzzjoni għandu jipprovdi lill-utenti ta' sistema bl-informazzjoni li jeħtieġu għall-aċċess effiċjenti għas-sistema u l-użu tagħha. B'mod partikolari, **■** *l-operaturi* ta' sistema ta' trażmissjoni għandhom jippubblikaw b'mod trasparenti informazzjoni ċara dwar il-kapaċità disponibbli għal konnessjonijiet ġodda fiż-żoni ta' tħaddim tagħhom ***bi granularità spazjali għolja, filwaqt li jirrispettaw is-sigurtà pubblika u l-kunfidenzjalità tad-data***, inkluż ***il-kapaċità taħt talba għal konnessjoni u l-possibbiltà ta' konnessjoni flessibbli*** f'żoni konġestjonati. ***Il-pubblikazzjoni għandha tinkludi informazzjoni dwar il-kriterji għall-kalkolu tal-kapaċità disponibbli għal konnessjonijiet ġodda. L-operaturi ta' sistema ta' distribuzzjoni għandhom jaġġornaw dik l-informazzjoni fuq bażi regolari***, tal-inqas kull tliet xhur.

L-operaturi ta' sistema ta' distribuzzjoni għandhom jipprovdu b'mod trasparenti informazzjoni ċara lill-utenti tas-sistema dwar l-istatus u t-trattament tat-talbiet ta' konnessjoni tagħhom. Huma għandhom jipprovdu tali informazzjoni fi żmien tliet xhur mis-sottomissjoni tat-talba. ***Fejn il-konnessjoni mitluba la tiġi mogħtija u lanqas ma tkun rifjutata b'mod permanenti, l-operaturi ta' sistema ta' distribuzzjoni għandhom jaġġornaw dik l-informazzjoni fuq bażi regolari, tal-inqas kull tliet xhur.***

- 3a. L-operaturi ta' sistema ta' distribuzzjoni għandhom jagħtu lill-utenti tas-sistema l-għażla li jitolbu konnessjoni mal-grilja u jippreżentaw id-dokumenti rilevanti esklużivament f'forma diġitali.***
- 3b. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx il-paragrafu 3 għal impriżi tal-elettriku integrati li jkunu jservu anqas minn 100 000 klijent konness, jew li jkunu jservu sistemi iżolati żgħar. L-Istati Membri jistgħu japplikaw limitu aktar baxx minn dak ta' 100 000 klijent konness.***

L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu lill-imprezi integrati tal-elettriku li jservu inqas minn 100 000 klijent konness biex jipprovdu lill-utenti tas-sistema bl-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 darba fis-sena u jippromwovu l-kooperazzjoni bejn l-operaturi ta' sistemi ta' distribuzzjoni għal dak l-għan.";

(11) fl-Artikolu 33, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill*, l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-qafas regolatorju meħtieġ biex jiffaċilitaw il-konnessjoni ta' punti ta' iċċarġjar pubblikament aċċessibbli u privati b'funzjonalitajiet tal-iċċarġjar intelliġenti u funzjonalitajiet tal-iċċarġjar bidirezzjonali f'konformità mal-Artikolu 20a tad-Direttiva (UE) 2018/2001 man-networks ta' distribuzzjoni. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni jikkooperaw fuq bażi mhux diskriminatorja ma' kwalunkwe impresa li tkun is-sid ta', tiżviluppa, topera jew tamministra, punti tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi, inkluż fir-rigward ta' konnessjoni mal-grilja.

* Id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi (ĠU L 307, 28.10.2014, p. 1).";

(12) l-Artikolu 59 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) ■ f'koordinazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet regolatorji l-oħrajn, l-iżgurar tal-konformità tal-pjattaforma unika ta' allokazzzjoni stabbilita f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1719*, l-ENTSO tal-Elettriku u l-entità tad-DSO tal-UE mal-obbligi tagħhom skont din id-Direttiva, ir-Regolament (UE) 2019/943, il-kodiċijiet tan-network u l-linji gwida adottati skont l-Artikoli 59, 60 u 61 tar-Regolament (UE) 2019/943, u dritt tal-Unjoni rilevanti ieħor, inkluż fir-rigward ta' kwistjonijiet transfruntiera, kif ukoll bid-deċiżjonijiet tal-ACER, u l-identifikazzjoni konġunta tan-nuqqas ta' konformità tal-pjattaforma unika ta' allokazzzjoni, l-ENTSO tal-Elettriku u tal-entità tad-DSO tal-UE mal-obbligi rispettivi tagħhom; meta l-awtoritajiet regolatorji ma jkunux setgħu jilħqu ftehim fi żmien erba' xhur wara l-bidu tal-konsultazzjonijiet bil-għan li jidentifikaw konguntemment in-nuqqas ta' konformità, il-kwistjoni għandha tiġi rriferita lill-ACER għal deċiżjoni, skont l-Artikolu 6(10) tar-Regolament (UE) 2019/942;

* Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1719 tas-26 ta' Settembru 2016 li jistabbilixxi linja gwida dwar l-allokazzzjoni bil-quddiem tal-kapaċità (ĠU L 259, 27.9.2016, p. 42).";

(ii) il-punt (z) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(z) ■ il-monitoraġġ tat-tneħħija ta' ostakli mhux ġustifikati għall-iżvilupp tal-konsum tal-komunitajiet tal-elettriku awtoġenerat, ***il-kondiviżjoni tal-enerġija, il-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli*** u l-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadin, inkluż ***l-ostakli u r-restrizzjonijiet li jipprevjenu*** l-konnessjoni tal-ġenerazzjoni tal-enerġija distribwita flessibbli fi żmien raġonevoli skont l-Artikolu 58, ***il-punt (d)***.";

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-awtorità regolatorja, li tinsab fl-Istat Membru li fih il-pjattaforma unika ta' allokazżjoni, l-ENTSO għall-Elettriku jew l-entità DSO tal-UE jkollha s-sede tagħha, għandu jkollha l-awtorità li timponi penali effikaċi, proporzjonati u dissuażivi fuq dawk l-entitajiet li ma jikkonformawx mal-obbligi tagħhom fl-ambitu ta' din id-Direttiva, ir-Regolament (UE) 2019/943 jew kwalunkwe deċiżjoni rilevanti legalment obligatorja tal-awtoritajiet regolatorji jew tal-ACER, jew li jipproponu li qorti kompetenti timponi dawn il-penali.";

(13) fl-Artikolu 66, jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"6. B'deroga mill-Artikolu 40(4), l-operaturi ta' sistema ta' trażmissjoni fl-Estonja, fil-Latvja u fil-Litwanja għandhom ikunu jistgħu jiddependu fuq servizzi ta' bbilanċjar ipprovduti minn fornituri domestiċi tal-ħżin tal-elettriku, operaturi ta' sistemi ta' trażmissjoni relatati, u faċilitajiet oħra li jkunu proprjetà ta' operaturi ta' sistemi ta' trażmissjoni.

B'deroga mill-Artikolu 54(2), l-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja jistgħu jippermettu lill-operaturi ta' sistema ta' trażmissjoni u lill-impriżi relatati ma' operaturi ta' sistema ta' trażmissjoni tagħhom jippossjedu, jiżviluppaw, jimmaniġġaw u joperaw faċilitajiet tal-ħżin tal-enerġija mingħajr ma jsegwu proċedura ta' sejħa għall-offerti miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja u jistgħu jippermettu li tali faċilitajiet tal-ħżin tal-enerġija jixtru jew ibigħu l-elettriku fis-swieq tal-ibbilanċjar.

Id-derogi msemmija fl-ewwel u t-tieni subparagrafi għandhom japplikaw sa tliet snin wara li l-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja jkunu ssieħbu fiż-Żona Sinkronika Tal-Ewropa Kontinentali. Meta jkun meħtieġ biex tiġi ppreservata s-sigurtà tal-provvista, il-Kummissjoni tista' tagħti estensjoni tal-perjodu inizjali ta' tliet snin b'massimu ta' ħames snin.

7. *B'deroga mill-Artikolu 40(4) u l-Artikolu 54(2), Ċipru jista' jippermetti lill-operatur ta' sistema ta' trażmissjoni tiegħu jippossjedi, jiżviluppa, jimmaniġġa u jopera faċilitajiet tal-ħżin tal-enerġija mingħajr ma jsegwi proċedura ta' sejħa għall-offerti miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja.*

Id-deroga msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tapplika sakemm is-sistema ta' trażmissjoni f'Ċipru tkun konnessa ma' sistemi ta' trażmissjoni ta' Stati Membri oħra permezz ta' interkonnessjoni."

(14) jiddaħħal l-artikolu ■ li ġej:

"Artikolu 66a

L-aċċess għal enerġija affordabbli matul kriżi fil-prezzijiet tal-elettriku

1. *Il-Kunsill jista',* li jaġixxi *fuq proposta* mill-Kummissjoni, *permezz ta'* deċiżjoni *ta' implimentazzjoni* , jiddikjara kriżi fil-prezzijiet tal-elettriku reġjonali jew madwar l-Unjoni kollha, jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) l-eżistenza ta' prezzijiet *medji* għoljin ħafna fis-swieq tal-elettriku bl-ingrossa *ta'* mill-anqas darbtejn u nofs il-prezz medju matul il-ħames snin preċedenti, *u tal-inqas 180 EUR/MWh* li huma mistennija li jkomplu għal mill-anqas sitt xhur, *il-kalkolu tal-prezz medju matul il-ħames snin preċedenti li ma jqisx dawk il-perjodi fejn tkun ġiet iddikjarata kriżi tal-prezzijiet tal-elettriku reġjonali jew tal-Unjoni kollha;*

- (b) iseħħu żidiet qawwija fil-prezzijiet bl-imnut tal-elettriku **fil-medda ta' 70 %** li huma mistennija jkomplu għal mill-anqas **tlit** xhur.

I

2. Id-deċiżjoni **I** ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 **għandha tispeċifika** l-perjodu ta' validità tagħha li jista' jkun għal perjodu sa sena. **Dak il-perjodu jista' jiġi estiż f'konformità mal-proċedura stabbilita fil-paragrafu 8 għal perjodi konsekuttivi ta' mhux aktar minn sena.**
3. **Id-dikjarazzjoni ta' kriżi fil-prezzijiet tal-elettriku reġjonali jew madwar l-Unjoni skont il-paragrafu 1 għandha tiżgura kompetizzjoni u kummerċ ġusti bejn l-Istati Membri kollha affettwati mid-deċiżjoni ta' implimentazzjoni sabiex is-suq intern ma jkunx distort bla bżonn.**
4. **Meta l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 jiġu ssodisfati, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta biex tiddikjara kriżi tal-prezzijiet tal-elettriku reġjonali jew fl-Unjoni kollha, li għandha tinkludi l-perjodu ta' validità propost tad-deċiżjoni ta' implimentazzjoni.**
5. **Il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jemenda proposta tal-Kummissjoni ppreżentata skont il-paragrafu 4 jew 8.**

6. Meta l-**Kunsill** ikun adotta deċiżjoni ta' implimentazzjoni skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu, għat-tul ta' żmien tal-validità ta' dik id-deċiżjoni, japplikaw interventi pubbliċi mmirati **temporanj** fl-iffissar tal-prezzijiet għall-provvista tal-elettriku lil intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Dawn l-interventi pubbliċi għandhom:
- (a) ikunu limitati għal massimu ta' 70 % tal-konsum tal-benefiċjarju matul l-istess perjodu tas-sena preċedenti u jżommu inċentiv għat-tnaqqis fid-domanda;
 - (b) jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 5(4) u (7);
 - (c) fejn rilevanti, jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu;
 - (d) **ikunu mfassla b'tali mod li jimminimizzaw kull frammentazzjoni negattiva tas-suq intern.**

7. Meta l-**Kunsill** ikun adotta deċiżjoni ta' implimentazzjoni skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu, għad-durata tal-validità ta' dik id-deċiżjoni, permezz ta' deroga mill-Artikolu 5(7), il-punt (c), meta jiġu applikati interventi pubbliċi mmirati fl-iffissar tal-prezzijiet għall-provvista tal-elettriku skont l-Artikolu 5(6) jew il-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu, eċċezzjonalment u temporanjament, jistabbilixxu prezz għall-provvista tal-elettriku li jkun taħt il-kost dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:
- (a) il-prezz stabbilit għall-klijenti domestiċi japplika biss, l-aktar, għal 80 % tal-konsum medjan tal-unitajiet domestiċi u jżomm inċentiv għat-tnaqqis fid-domanda;
 - (b) ma jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni bejn il-fornituri;
 - (c) il-fornituri jiġu kkompensati għall-provvista ta' taħt il-kost ***b'mod trasparenti u mhux diskriminatorju***;
 - (d) il-fornituri kollha huma eliġibbli li jipprovdu offerti għall-prezz għall-provvista tal-elettriku li jkun taħt il-kost fuq l-istess bażi;
 - (e) ***il-miżuri proposti ma jfixklux is-suq intern tal-elettriku.***

8. *Fi żmien xieraq qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' validità speċifikat skont il-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 jibqgħux jiġu ssodisfati. Jekk il-Kummissjoni tqis li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 jibqgħu jiġu sodisfatti, hija għandha tissottometti lill-Kunsill proposta biex jiġi estiż il-perjodu ta' validità ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni adottata skont il-paragrafu 1. Fejn il-Kunsill jiddeċiedi li jestendi l-perjodu ta' validità, il-paragrafi 6 u 7 għandhom japplikaw matul tali perjodu estiż.*

Il-Kummissjoni għandha tivvaluta u timmonitorja kontinwament l-impatt li jirriżulta minn kwalunkwe miżura adottata skont dan l-Artikolu u tippubblika fuq bażi regolari r-riżultati ta' tali valutazzjonijiet."

(15) *fl-Artikolu 69, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

"2. *Sal-31 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Jekk xieraq, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta leġiżlattiva flimkien mar-rapport jew wara li tippreżenta r-rapport.*

Ir-rieżami tal-Kummissjoni għandu, b'mod partikolari, jivvaluta l-kwalità tas-servizz offrut lill-klijenti finali u jekk il-klijenti, speċjalment il-klijenti vulnerabbli u l-klijenti affettwati mill-faqar enerġetiku, humiex protetti b'mod adegwat skont din id-Direttiva."

Artikolu 3
Traspożizzjoni

1. *L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa ... [sitt xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].*

B'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-konformità mal-Artikolu 2, il-punti (2) u (5), sa ... [24 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

Huma għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, huma għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew għandhom jinkludu referenza għaliha meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. Il-metodi kif issir dik ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. *L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-miżuri tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.*

Artikolu 4
Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-**għoxrin** jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 5

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi ...

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President
